MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 207/1996/1

**Martinu Attard u Victoria Attard**

**v.**

**Luigi Sultana u b'digriet tal-5 ta' April, 2000 il-gudizzju gie trasfuz fuq isem Maria mart Andrew Xuereb stante l-mewt ta' Luigi Sultana li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Din il-kawza saret mill-atturi bl-iskop li tinghata esekuzzjoni ghall-konvenju li sar bejn il-kontendenti u

b'hekk il-konvenut ikun imgieghel jitrasferixxi lill-atturi proprjeta` fix-Xaghra Ghawdex imsemmija fl-istess konvenju. L-ewwel Qorti, cioe` il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, wara li semghet il-provi prodotti mill-kontendenti, tat is-sentenza taghha fl-24 ta' Gunju 2005. B'din is-sentenza t-talba ta' l-atturi giet michuda. Is-sentenza shiha sejra tigi riprodotta fl-intier taghha billi fiha hemm riprodotti t-talba ta' l-atturi, l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll il-motivazzjoni li a bazi taghha l-ewwel Qorti waslet biex tichad it-talba ta' l-atturi. Is-sentenza tghid hekk:

"Il-Qorti ,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

"Illi bis-sahha ta' konvenju datat id-disgha (9) ta' Dicembru 1995, il-konvenut obbliga ruhu illi jittrasferixxi lill-atturi porzjon art fi Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex tal-kejl superficjali ta' cirka sitt mitt metru kwadru (600 mk) konfinanti mil-Lvant ma' beni tal-familja Borg, punent ma' beni ta' Carmela Sultana jew aventi kawza minnha, u tramuntana ma' beni tal-atturi, libera u franka u bid-drittijiet u pertinenzi taghha kollha, bil-pussess vakant, kif ukoll passagg tal-kejl ta' cirka erbgha u sebghin metri kwadri (74mk) fuq it-tramuntana taghha u l-intier kif muri ahjar bil-kulur ikhal fuq pjanta annessa mal-istess konvenju, u d-drittijiet kollha ta' passagg favur l-imsemmi Luigi Sultana jigi estinti u bhala konsiderazzjoni l-atturi kellhom jittrasferixxu lill-konvenut porzjon art tal-kejl ta' cirka mija u sittin metri kwadri (160 mk) murija bil-kulur kannella fuq l-istess pjanta, kif ukoll garage internament markat bin-numru sitta (6) fi Triq Patri Mattew Sultana, Xaghra, fi stat ta' gebel u saqaf u minghajr l-arja tieghu deskritt ahjar f'konvenju datat it-tmienja (8) ta' Dicembru 1994 bejn Salvu Bonello u ohrajn fuq naha u l-esponenti, mentri l-istess konvenut kellu wkoll ihallas ekwiparazzjoni kif indikat fl-istess konvenju.

"Illi l-kuntratt in esekuzzjoni ta' dan il-konvenju kellu jigi pubblikat sa zmien xahar mid-data li fiha jitlesta l-bini tal-

garage in shell form izda mhux aktar tard minn disa' xhur mid-data tal-istess konvenju.

"Illi l-konvenut naqas illi jersaq ghall-kjntratt pubbliku minkejja illi gie interpellat sabiex jersaq ghall-istess kuntratt bis-sahha ta' ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru, 1996; u l-atturi jridu illi l-istess kuntratt jigi ppubllikat.

"Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

"1. Tikkundannak sabiex tersaq ghall-kuntratt pubbliku ta' trasferiment ai termini u in esekuzzjoni tal-konvenju tad-9 ta' Dicembru 1995; liema kuntratt ghandu jsir ad opera tan-Nutar nominat minn din il-Qorti u f'gurnata hin u lok illi jigu ghalhekk iffissati mill-istess Qorti, u bl-opera u intervent ta' kuratur deputat illi jigi nominat mill-istess Qorti sabiex jidher ghall-kontumaci fuq l-istess att.

"Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-attur fil-konfront taghkom ghall-hlas tad-danni sofferti minnhom per konsegwenza tan-nuqqas tieghek illi tersaq ghall-kuntratt fit-terminu stipulat.

"Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru, 1996, u dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni prezentat kontra tieghek fit-13 ta' Settembru 1996, kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Victoria Attard.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

"1. Illi preliminarjament il-konvenju tad-9 ta' Dicembru 1995 (markat bhala dokument 'A') tilef kull validita` skond il-ligi u dana peress illi l-konvenut ma giex notifikat permezz ta' att gudizzjarju fit-terminu, kif stipulat fil-ligi ;

"2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenju ma jistax jigi esegwiet u dana peress illi l-garage li kellu jigi trasferit u li jifforma parti mill-

prezz tal-bejgh, oggett tal-konvenju hawn fuq citat, kellu jkun fih, skond il-ftehim, bieb fuq in-naha ta' wara tal-istess garage jaghti ghal go entratura, liema bieb, il-konvenut sussegwentement irrizultalu li ma setghax jsir ghaliex jaghti fuq proprjeta` ta' terzi ;

"3. Illi wkoll fid-data tal-iskadenza l-istess konvenju, il-garage ma kienx ghadu lest gebel u saqaf ;

"4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

"Rat il-verbal tagħha tal-15 ta' Frar 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda Mismugħa.

"Ikkunsidrat :

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu l-esekuzzjoni ta' konvenju li kien sar bejnhom u l-konvenut Luigi Sultana permezz ta' skrittura tad-9 ta' Diċembru 1995[1]. Il-konvenut irrifjuta li jersaq għall-kuntratt finali għax jikkontendi li l-konvenju laħaq skada sakemm tlesta il-garage li kellu jieħu in kontrokambju u li dan ma nbeniex skond il-kundizzjonijiet miftehma.

"B'risposta għall-eċċezzjoni li l-konvenju laħaq skada, l-atturi ppeżentaw kopja ta' ittra uffiċjali datata l-5 ta' Settembru 1996[2], fejn interpellaw lill-konvenut sabiex jersaq għal dan il-kuntratt. A tenur ta' l-aħħar paragrafu ta' dan il-konvenju, l-att finali kellu jsir "*sa żmen xahar mid-data li fiha jitlesta l-bini tal-garage in shell form, iżda mhux aktar tard minn disa' xhur mil-lum, wara liema żmien*

[1] Dok. A anness maċ-citazzjoni a fol. 5 - 7 tal-process.
[2] a fol. 14.

*dana l-konvenju jiġi null u bla effett.*" L-ittra uffiċċjali ġiet ippreżentata l-Qorti erbat ijiem qabel ma għaddew id-disa' xhur previsti fil-konvenju, u l-kawża preżenti ġiet intavolata fit-30 ta' Settembru 1996, entro l-perijodu msemmi fil-liġi[3]. Allura *prima facie* jidher illi l-atturi laħqu salvaw dan il-konvenju.

"Madankollu l-konvenut Luigi Sultana sostna fid-depożizzjoni tiegħu[4] illi l-garage in kwistjoni ma kienx għadu lest sakemm għaddew id-disa' xhur konċessi fil-konvenju u tlesta biss "*wara sena jew iżjed*." F'dan ġie korroborat minn Andrew Xuereb, ir-raġel ta' bintu l-attriċi preżenti[5]. L-A.I.C Salvu Micallef li kien involut f'konvenju ieħor dwar il-garage li kellu jingħata in kontro-kambju lill-konvenut, mitlub jgħid meta tlesta dan il-garage stqarr li ma jiftakarx, għalkemm qaghad "*attent li jitlesta fi żmien it-terminu."* [6] F'seduta sussegwenti pero`, sew l-istess xhud kif ukoll il-bennej ta' dan il-garage stqarru illi jiftakru li d-data preċiza meta tlesta l-garage kienet l-20 ta' Awissu 1996. Jimmy Frendo, il-bennej qal li jaf dan għax għandu l-irċevuta ta' meta tlesta s-saqaf,[7] imma din qattt ma ġiet esebita. L-A.I.C. Micallef ukoll rabat din id-data mat-tlestija tal-bejt,[8] pero' li-istess ma ġie bl-ebda mod ippruvat illi l-bejt ta' dan il-garage tassew tlesta f'dik id-data preċiza. Billi r-regola probatorja hija li min jallega irid iġib il-prova, il-piż tal-prova f'dan ir-rigward kien jaqa' fuq l-atturi, u fil-fehma tal-Qorti ma teżistix prova sodisfaċenti illi l-garage in kwistjoni tassew kien tlesta fid-data msemmija mix-xhieda minnhom prodotti.

"Madankollu jeżisti ostakolu ieħor għat-talba ta' l-atturi, u dan għaliex il-konvenju li tiegħu qed ifittxu l-esekuzzjoni, jagħmel referenza għal konvenju ieħor li kien sar bejn l-atturi u terzi, fejn suppost ingħatat deskrizzjoni dettaljata tal-garage li kellu jiġi trasferit lill-konvenut[9]. Fl-istess konvenju kif ukoll fil-premessi ta' din iċ-ċitazzjoni, jingħad

[3] art. 1357 Kap. 16.
[4] a fol. 23.
[5] a fol. 20 .
[6] a fol.17
[7] a fol.29
[8] a fol.27
[9] ara l-klawsola 1(b) tal-konvenju tad-9.12.1995.

illi dan il-konvenju bejn l-atturi u terzi kien sar fit-8 ta' Diċembru 1994.

"Imma hemm diskrepanza serja dwar id-data reali tiegħu. Fl-ewwel lok l-A.I.C. Micallef sostna fid-depożizzjoni tiegħu illi d-data msemmija fil-konvenju li tiegħu qed tintalab l-esekuzzjoni hija żbaljata, għax dan it-tieni konvenju li ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 1995[10]. Imbagħad ġiet esebita kopja ta' konvenju li ġġib id-data ta' l-14 ta' Ottubru 1995 li suppost tirreferi għall-garage in kwistjoni[11]. Inoltre permezz ta' żewġ skritturi oħra, dan il-konvenju ġie estiż sa l-1 ta' Ġunju 2003.

"Għalhekk, apparti l-inċertezza dwar jekk il-kontendenti fil-kawża preżenti kienux tassew qed jirreferu għal dan il-konvenju ta' l-14 ta' Ottubru 1995 fuq l-iskrittura redatta fid-9 ta' Diċembru 1995 u li tagħha qed tintalab l-eskuzzjoni, ma jirriżultax illi qatt saret estensjoni oħra ta' dan il-konvenju ta' l-14 ta' Ottubru 1995. Għalhekk illum lanqas ma teżisti ebda prova jekk il-vendituri ta' dan il-garage, jekk verament huwa l-istess wieħed li għalieh kienu qed jirreferu il-kontendenti fil-konvenju tagħhom, għadhomx disposti li jittrasferuh lill-atturi sabiex dawn imbagħad ikun jistgħu jgħadduh lill-konvenut bħala parti mill-korrispettiv ta' dak li kienu ser jakkwistaw minn għandu bis-saħħa tal-konvenju in kwistjoni.

"F'dawn l-inċertezzi kollha l-Qorti, billi ma jirriżultax sodisfaċentement illi l-konvenju li tiegħu l-atturi qegħdin jitolbu l-esekuzzjoni għadu ma skadiex, ma tarax kif tista' tilqa' t-talbiet attriċi.

"Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi."

## **<u>II. L-APPELL</u>**

2. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors ta' appell prezentat fit-8 ta' Lulju 2005. Fih spjegaw l-aggravji

[10] a fol.27
[11] Dok.CG a fol. 71

taghhom u ghar-ragunijiet hemm imsemmija huma talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet [recte: talba] attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellat.

3. L-appellata Maria mart Andrew Xuereb, li f’isimha gie trasfuz il-gudizzju wara l-mewt fil-mori tal-kawza tal-konvenut, missierha, ikkontestat dan l-appell b’risposta prezentata fis-16 ta’ Jannar 2006. Hemmhekk, hija wiegbet dettaljatament ghall-aggravji li ressqu l-appellanti u ssottomettiet li s-sentenza appellata kienet gusta u ghalhekk l-appell ma kellux jintlaqa’ u s-sentenza appellata kellha tigi konfermata minn din il-Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

4. Ghandu jigi rilevat li flimkien mar-rikors ta’ l-appell taghhom, l-appellanti pprezentaw zewg dokumenti li jinsabu a fol. 10 u 11 tal-process ta’ l-appell. Jirrizulta mill-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti fis-7 ta’ Jannar 2008, li l-kontroparti ma opponietx ghall-prezentata ta’ l-istess dokumenti u allura dawn iz-zewg dokumenti ser jigu kunsidrati bhala provi f’din il-kawza.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

5. L-appellanti ressqu bazikament erbgha (4) aggravji in sosten ta’ l-appell taghhom;

a) Li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta hija laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

b) Li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament xieraq tal-provi meta kkonkludiet li ma kenitx tezisti prova sodisfaccenti illi l-garaxx in kwistjoni tassew kien tlesta saz-zmien disa’ (9) xhur mill-iffirmar tal-konvenju in kwistjoni;

c) Li l-ewwel Qorti zbaljat meta, minghajr ma kien hemm ebda eccezzjoni f’dan is-sens da parti tal-konvenut, iddecidiet li kienet tezisti incertezza dwar l-identita` tal-garaxx li fuqu kienu qeghdin jifthemu l-kontendenti li jissemma’ fil-konvenju in kwistjoni; u

d) Li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta, minghajr ma kienet inghatat eccezzjoni f'dan is-sens mill-konvenut, hija ddecidiet li l-konvenju tal-14 ta' Ottubru 1995 dwar il-garaxx kien skada meta nghatat is-sentenza ghaliex fil-process ma kenitx tezisti ebda prova jekk il-vendituri kienux ghadhom disposti li jitrasferixxu l-istess garaxx lill-atturi.

Din il-Qorti sejra tikkonsidra dawn l-erba' aggravji fl-istess ordni li semmewhom l-appellanti.

6. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti jikkoncerna l-akkoljiment fis-sentenza appellata ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. B'din l-eccezzjoni l-konvenut kien eccepixxa li l-konvenju tad-9 ta' Dicembru 1995 kien tilef kull validita` skond il-ligi peress illi l-konvenut ma kienx gie notifikat permezz ta' att gudizzjarju fit-terminu, kif stipulat fil-ligi. L-appellanti jghidu li sabiex laqghet din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, l-ewwel Qorti kellha neccessarjament tikkonkludi li l-appellanti kienu naqsu li jibghatu att gudizzjarju lill-konvenut almenu sad-data ta' l-iskadenza tal-konvenju. L-appellanti jghidu li kienet haga stramba ferm li l-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni meta hija stess fil-korp tas-sentenza appellata kienet irrikonoxxiet illi l-atturi kienu baghtu ittra ufficjali lill-konvenut fil-5 ta' Settembru 1996, liema ittra ufficjali tinsab esebita a fol. 14 tal-process, u kien jirrizulta mill-process li l-kawza giet prezentata fit-30 ta' Settembru 1996.

7. Dana l-aggravju huwa gustifikat. Jirrizulta sodisfacentiment li l-atturi hadu l-mizuri kollha li ssemmi l-ligi fis-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili biex ma jhallux il-konvenju in kwistjoni tad-9 ta' Dicembru 1995 jiskadi. A fol. 14 tal-process hemm l-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 1996. Din giet debitament notifikata lill-konvenut, kif jirrizulta mir-riferta pozittiva li tinsab fol. 40 tergo tal-process. Jirrizulta wkoll li c-citazzjoni odjerna giet prezentata fit-30 ta' Settembru 1996 u ghalhekk jirrizulta car li l-atturi ottemperaw ruhhom mar-rekwiziti elenkati fl-imsemmi sub-artikolu. Ghandu jigi sottolinejat li l-istess sub-artikolu ma jindika l-ebda terminu li fih ghandha ssir in-notifika ta' l-ittra ufficjali. Ghandu jinghad

ukoll li l-ewwel Qorti kienet kjarament konsapevoli li l-atturi kienu pprezentaw l-ittra ufficjali u c-citazzjoni odjerna entro t-terminu li jissemma' fl-imsemmi tieni sub-artikolu ta' l-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Tant hu hekk, li jinghad espressament mill-ewwel Qorti li kien jidher *prima face* illi l-atturi lahqu salvaw dan il-konvenju. Fil-fehma ta' din il-Qorti ladarba l-ewwel Qorti kienet korrettement waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenju kien salvat mill-atturi ghall-fini ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, allura kien mistenni minn dik il-Qorti li tichad, u mhux takkolji, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Madanakollu, l-ewwel Qorti ma cahditx it-talba ta' l-atturi sempliciment a bazi ta' l-ewwel eccezzjoni izda wkoll a bazi tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, li issa trid tigi ezaminata.

8. It-tieni aggravju ta' l-appellanti jikkoncerna precizament din it-tielet eccezzjoni tal-konvenut. Biha huwa kien ecepixxa li fid-data ta' l-iskadenza tal-konvenju in kwistjoni, il-garaxx li jissemma' fl-istess konvenju ma kienx ghadu lest kif miftiehem, cioe` gebel u saqaf. Huwa utli li jigi kjarifikat hawn li l-kontendenti kienu ftehmu bil-konvenju in kwistjoni tad-9 ta' Dicembru 1995 li t-trasferiment ta' l-art da parti tal-konvenut lill-atturi kellu jsir bi prezz, li in parti kellu jkun "pacut" bit-trasferiment da parti ta' l-atturi lill-konvenut ta' garaxx internament markat bin-numru 6 fi Triq Patri Mattew Sultana, Xaghra Ghawdex. Irrizulta li l-atturi kellhom jakkwistaw dan il-garaxx minghand terzi persuni li maghhom dahlu f'konvenju datat 14 ta' Ottubru 1995 u li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 71 tal-process. Ghandu wkoll jigi rilevat illi fil-konvenju tad-9 ta' Dicembru 1995, id-data tal-konvenju dwar il-garaxx hija imnizzla hazin billi giet indikata bhala li kienet it-8 ta' Dicembru 1994 meta, kif diga` ntqal, dan il-konvenju kien datat 14 ta' Ottubru 1995. Bil-konvenju meritu ta' din il-kawza, cioe` dak tad-9 ta' Dicembru 1995, l-atturi kienu obbligaw ruhhom li jitrasferixxu dan il-garaxx lill-konvenut fl-istat ta' gebel u saqaf u kien gie espressament stipulat li l-att finali kellu jsir sa zmien xahar mid-data li fih kellu jitlesta fi stat ta' gebel u saqaf l-imsemmi garaxx, u fl-istess hin gie stipulat ukoll li l-att finali tal-bejgh ma kellux isir aktar tard minn disa' (9) xhur dekorribbli mid-9 ta' Dicembru 1995.

9. Fid-dawl ta’ l-ahhar imsemmija kondizzjoni kontenuta fil-konvenju in kwistjoni, kif ukoll fid-dawl tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, il-kontendenti ressqu provi dwar id-data meta effettivament dan il-garaxx kien tlesta gebel u saqaf. Sfortunatament hemm konflitt serju fil-provi, ghaliex fil-waqt li l-atturi qeghdin isostnu li l-garaxx kien lehaq tlesta entro t-terminu imsemmi fil-konvenju, il-konvenut, min-naha l-ohra, sostna li l-konvenju lahaq skada sakemm tlesta l-garaxx gebel u saqaf. It-tezi tal-konvenut giet sostnuta minnu stess u mir-ragel ta’ bintu, filwaqt li t-tezi ta’ l-atturi giet sostnuta mill-Perit Salvu Micallef u mill-bennej Jimmy Frendo.

10. L-appellanti f’dana l-aggravju taghhom qeghdin jilmentaw li fl-apprezzament ta’ dawn il-provi, l-ewwel Qorti, ghamlet zball serju u ghalhekk dan kien jiggustifika li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament imwettaq mill-ewwel Qorti u li tissostitwixxi l-apprezzament proprju taghha ghal dak maghmul mill-ewwel Qorti.

11. F’dan ir-rigward ghandu jinghad li huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti. Ir-raguni li dan il-principju gie abbraccjat u segwit kostantament minn din il-Qorti ta’ revizjoni bazikament tohrog mill-fatt li l-ewwel Qorti, meta kienet qeghda tigbor il-provi, ikollha l-opportunita` li tkun tista’ tinnota l-komportament tax-xhieda waqt illi huma ikunu qeghdin jiddeponu, fatt dan li jghin b’mod apprezzabbli lill-gudikant biex jaghmel apprezzament u valutazzjoni gusta tax-xiehda li tkun qeghda tinghata. Ghalhekk, finalment l-ewwel Qorti tkun f’qaghda aktar vantagguza biex tesegwixxi dan il-kompitu ta’ apprezzament ta’ provi testimonjali minn din il-Qorti, li ghandha biss it-traskrizzjoni cassa tax-xiehda quddiemha.

12. Il-provi fuq din il-kwistjoni krucjali gew migbura u kkummentati mill-ewwel Qorti hekk:
“.... il-konvenut Luigi Sultana sostna fid-depożizzjoni tiegħu illi l-garage in kwistjoni ma kienx għadu lest sakemm għaddew id-disa' xhur konċessi fil-konvenju u

tlesta biss "*wara sena jew iżjed*." F'dan ġie korroborat minn Andrew Xuereb, ir-raġel ta' bintu l-attriċi preżenti. L-A.I.C Salvu Micallef li kien involut f'konvenju ieħor dwar il-garage li kellu jingħata in kontro-kambju lill-konvenut, mitlub jgħid meta tlesta dan il-garage stqarr li ma jiftakarx, għalkemm qaghad "*attent li jitlesta fi żmien it-terminu.*" F'seduta sussegwenti pero`, sew l-istess xhud kif ukoll il-bennej ta' dan il-garage stqarru illi jiftakru li d-data preċiza meta tlesta l-garage kienet l-20 ta' Awissu 1996. Jimmy Frendo, il-bennej qal li jaf dan għax għandu l-irċevuta ta' meta tlesta s-saqaf imma din qattt ma ġiet esebita. L-A.I.C. Micallef ukoll rabat din id-data mat-tlestija tal-bejt, pero` li-istess ma ġie bl-ebda mod ippruvat illi l-bejt ta' dan il-garage tassew tlesta f'dik id-data preċiza. Billi r-regola probatorja hija li min jallega irid iġib il-prova, il-piż tal-prova f'dan ir-rigward kien jaqa' fuq l-atturi, u fil-fehma tal-Qorti ma teżistix prova sodisfaċenti illi l-garage in kwistjoni tassew kien tlesta fid-data msemmija mix-xhieda minnhom prodotti."

13. Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-provi akkwiziti fil-process fuq din il-kwistjoni dwar id-data ta' meta suppost tlesta dan il-garaxx. Fliet ukoll bl-akbar reqqa l-kummenti studjati li ghamlu l-kontendenti reciprokatament fir-rikors ta' l-Appell u fir-risposta ta' l-appell fuq din il-kwistjoni u waslet ghall-konkluzjoni li ma sabet l-ebda raguni serja bizzejjed li tinklinaha li tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti fuq din il-kwistjoni tad-data meta tlesta l-garaxx in kwistjoni. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-oneru tal-prova kien bazikament jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw b'mod sodisfaccenti li l-garaxx in kwistjoni lahaq tlesta gebel u saqaf entro t-terminu indikat fil-konvenju. Hadd mill-atturi ma xehed fuq dan il-punt. Ix-xhieda ta' l-A.I.C. Salvu Micallef ma tidhirx daqshekk disinteressata, kif jippruvaw jaghtu x'jifhem l-appellanti u dana anke ghar-ragunijiet spjegati fir-risposta ta' l-appellata. L-istess xhud meta xehed fil-5 ta' Frar 1998, cioe` l-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti (ara fol. 17) qal hekk:
"Jiena meta tlesta ma nafx id-data ezatt, biss jiena qaghadt attent li jitlesta fi zmien it-terminu."

Meta dan ix-xhud rega' xehed fid-9 ta' Marzu 1999 (ara fol. 26) huwa stqarr li l-garaxx tlesta fl-20 ta' Awissu 1996 ghaliex dakinhar inghata l-konkos tas-saqaf. Ix-xhud ma ta l-ebda dettalji ta' kif kien wasal biex jindika din id-data preciza tat-tlestija tal-garaxx. Din il-Qorti thoss li ghandha tirrileva li l-memorja ta' dan ix-xhud, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dati, ma tantx tidher li wiehed jista' joqghod fuqha. Din il-Qorti qeghda tghid hekk ghaliex fix-xiehda li huwa ta fis-seduta tad-9 ta' Marzu 1999 huwa jghid li d-data tal-konvenju ezistenti bejn l-atturi u terzi dwar l-istess garaxx kellha tigi korretta minn kif tidher fuq il-konvenju tad-9 ta' Dicembru 1995. Ix-xhud qal li hemmhekk id-data hija ndikata bhala t-8 ta' Dicembru 1994 meta kellha tkun 8 ta' Dicembru 1995. Huwa jghid li baqa' jiftakar id-data ta' dan il-konvenju ghaliex kienet lejliet il-Kuncizzjoni u proprju gurnata biss qabel il-konvenju meritu ta' din il-kawza. Certament, dan ix-xhud huwa zbaljat f'dak li kien qieghed jghid ghaliex il-konvenju ma jgibx id-data tat-8 ta' Dicembru 1995, izda kif jirrizulta minn fol. 71 tal-process, id-data tal-konvenju korretta kienet l-14 ta' Ottubru 1995.

14. Il-bennej Jimmy Frendo wkoll semma' d-data ta' l-20 ta' Awissu 1996 bhala d-data meta tlesta l-garaxx. Huwa qal li jaf dan ghax kellu ricevuta ta' meta tlesta s-saqaf (ara fol. 29). Madanakollu, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, din l-ircevuta li setghet kienet krucjali ghal din il-kawza qatt ma giet esebita. L-atturi lanqas ipproducew il-haddiema l-ohra li kienu nvoluti fl-ghoti tal-konkos u li forsi setghu jindikaw id-data meta l-istess konkos inghata. Fil-fehma tal-Qorti, l-provi fuq dan il-punt krucjali huma skarni ferm, u fuq bilanc ta' probbabbiltajiet, l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u cioe` li fil-process ma tezistix prova sodisfaccenti li l-garaxx in kwistjoni tassew kien tlesta fid-data msemmija mill-bennej u mill-A.I.C. Salvu Micallef. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti, wara li qieset dak li gie sottomess mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom, kif ukoll dak li gie sottomess mill-appellata fir-risposta taghha, ma ssib l-ebda raguni serja li a bazi taghha ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fuq dan il-punt. Konsegwentement, dana l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jintlaqa' u minflok hemm lok li s-sentenza appellata

tigi konfermata in kwantu hija laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

La darba din il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni m'ghandhiex ghalfejn tidhol biex tinvestiga l-ahhar zewg aggravji kontenuti fir-rikors ta' l-appell ta' l-appellanti cioe` dwar jekk kienx hemm incertezza dwar l-identita` tal-garaxx u dwar jekk il-konvenju ta' l-14 ta' Ottubru 1995 ghadux validu jew le.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell in parte, billi fis-sens premess, tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u minflok tichad din l-istess eccezzjoni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament kollu taghha cioe` fejn laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, fejn cahdet it-talbiet ta' l-atturi u fejn akkollat l-ispejjez kontra l-istess atturi.

L-ispejjez ta' dina l-istanza jithallsu kwantu ghall-hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mill-konvenuta appellata u kwantu ghar-rimanenti hamsa u sebghin fil-mija (75%) mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------